MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2007

Numru 375/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Alexander Millo**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
v

**ALEXANDER CARUANA**
**JURGEN BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **ALEXANDER CARUANA** ta' wiehed w ghoxrin sena bin Emanuel u Annunziata nee Mifsud, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 1985 u joqghod 41, Triq De Mello, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 418485M u **JURGEN BUGEJA** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Joseph u Maria Dolores nee Attard, imwieled Pieta nhar t-tlieta ta' Awissu 1976 u joqghod 'JoeDor', Triq San Pawl, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 378676M gew imressqa quddiemha akkuzati

1. talli fit-tlieta ta’ April 2005, u fix-xhur ta’ qabel gewwa Ta’ Kandia, limiti tas-Siggiewi, f’B’Bugia, u f’inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq ta’ arma tan-nar tal-marka Benelli bin-numru serjali M27950 ghad-dannu ta’ Raymond Brincat, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-lok u bil-hin;

2. talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu sabiex imexxuhom;

3. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellhom fil-pussess jew kontroll taghhom, jew kellhom f’idejhom jew fuqhom, arman tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu;

4. talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, gew fil-pussess ta’ arma tan-nar jigifieri senter tal-marka Benelli bin-numru serjali M27950 jew munizzjon, xort’ohra milli b’licenzja, u minnufih naqsu li jaghtu avviz taghhom lil Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn tal-Pulizija jew taht idejn il-persna li tkun tat dak l-avviz;

5. **lil Alexander Caruana wahdu**, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien ghal kacca minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. **lil Jurgen Bugeja wahdu** talli fit-tlieta ta’ April 2005, ghal habta tat-tlieta w nofs ta’ wara nofsinhar gewwa Ta’ Kandia, limiti tas-Siggiewi, w inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer, waqt stagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar, garr, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu barra mill-ghata taghha, arma tan-nar u munizzjon jew mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar;

7. talli fl-istess hin, data, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur [sultan l-gammiem], haj jew mejjet jew

parti minn xi ghasfur, jekk ma jkunx xi ghasfur inkluz fl-iskedi I, II, jew III, li jinsabu ma dawn r-regolamenti;

8. talli fl-istess hin, data u cirkostanzi, esibixxa, importa jew garr jew offra ghal bejgh, jew kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur jekk ma jkunx xi ghasfur inkluz fl-iskedi I, II, jew III, li jinsabu ma dawn r-regolamenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat sbatax ta' April 2006 esibit bhala dokument CSH 4 a fol 6 tal-atti odjerni sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti taz-zewg imputati, din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet liz-zewg imputati jiddikjaraw fis-seduta tat-tnax ta' Gunju 2006 [fol 15] li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-ezami li sarilhom nhar t-tnax ta' Gunju 2006 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil avukat difensur tal-<u>**imputat Jurgen Bugeja**</u> **jiddikjara** fis-seduta tas-sittax ta' Lulju 2007 (fol 71) **li kien qed jammetta mit-tieni (2) sat-tmien (8) akkuza u li in vista ta' dan l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kienetx qed tinsisti fuq l-ewwel (1) akkuza stante li din inghatat b'mod alternattiv ghat-tieni (2) akkuza.**

**Semghet wkoll lil avukat difensur ta<u>l-imputat Alexander Caruana jiddikjara</u> fis-seduta tat-tnax ta' Gunju 2006 <u>li mhux qed jikkonstata l-akkuzi numru tlieta (3) u erbgha (4) li huma alternattivi, u l-akkuza numru hamsa (5)</u> fil-konfront tal-imputat izda li kellu jdahhal dikjarazzjoni ta' mhux hati minhabba l-akkuzi l-ohra u dan ghaliex kemm il-darba l-imputat Alexander Caruana jinstab hati tal-akkuzi numru tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) huwa ma jitlifx l-beneficcju tal-ammissjoni bikrija.**

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnax ta’ Gunju 2006 **xehed l-Ispettur Sandro Millo** [fol 19] fejn qal li fit-tlieta t’April 2005 hu kien qed ilahhaq sezzjoni ta’ l-ALE u kien gie nfurmat minn PC 1121 u PC 1209 Edmond Grima u PC 257 Godwin Scerri li waqt li kienu fl-inhawi ta’ Ta’ Kandja Siggiewi kien hemm tnejn minn nies li wiehed minnhom kellu senter u l-iehor kellu tajra protetta f’idu. Sussegwentement baghat ghal dawn it-tnejn min nies u hadilhom stqarrija, li esebixxa bhala Dok. CSH 5 u CSH 6 (fol 21 et seq), fejn fuqhom gharaf il-firma tieghu.  Qal li fuq l-istqarrija ta’ Jurgen Bugeja presenti fl-awla, liema stqarrija hu kien ghazel li ma jiffirmahiex, gharaf fuqha l-firma tas-surgent Sandro Mangion u fuq dik ta’ Alexander Caruana wkoll presenti fl-awla, li ffirma l-istqarrija, gharaf il-firma ta’ PS 1298 Lambert Zammit.

Ikkonferma li qabel ma rrilaxxjaw din l-istqarrija l-imputati gew moghtija s-solita twissija.  Ir-rapport sar b’mod verbali minn dawn il-pulizija li jiena semmejt.  Mistoqsi min mill-imputati kellu tajra protetta f’idejh nghid li kien l-imputat Jurgen Bugeja u li s-senter ta’ l-ghamla Benelli kien f’idejn l-ko akkuzat Alexander Caruana.  Ix-xhud qal li hu ghamel il-verifiki tieghu biex jara lil min kien jghajjat dan is-senter ta’ l-ghamla Benelli u rrisultalu li s-senter tal-ghamla Benelli bis-serial number N27950 jghajjat lil certu Raymond Brincat.  Irrizultalu wkoll li u dan is-senter kien insteraq lil imsemmi Raymond Brincat sitt xhur qabel.  Ix-xhud esebixxa dan is-senter li gie mmarkat bhala Dok CSH 7.  Mistoqsi kif dan is-senter spicca f’idejn Alexander Caruana ix-xhud wiegeb li Alexander Caruana kien qallu li dan is-senter gie moghti lilu mill-imputat Jurgen Bugeja sabiex jikkacca bih.

Illi nhar t-tnax ta’ Gunju 2006 **xehed PC 1209 Edmond Grima** [fol 26] fejn qal li fit-tlieta ta’ April 2005 ghall-habta tat-tlieta w nofs ta’ wara nofsinhar, jum il-Hadd hu kien qed jaghmel *patrol* fl-area tas-Siggiewi gewwa Ta’ Kandja u fl-inhawi ta’ Wied Nusa meta semgha xi tiri u ghalhekk avvicina minn fejn gew dawn it-tiri.  Qal li kien osserva zewg persuni u kellhom zewg snieter u kienu mexjin gewwa ghalqa w ghalhekk marru hdejhom u x’hin

avvicinawhom dawn qalulhom li kien jum il-Hadd u kien *closed season*. Zied jghid, li l-imputat presenti fl-awla Jurgen Bugeja, wkoll kellu tajra protetta f'idejh. Ix-xhud esebixxa zewg ritratti ta' din it-tajra li kellu f'idejh Jurgen Bugeja li gew immarkati bhala Dok. CSH 8 u CSH 9 (fol 28). Spjega li l-imputat Alexander Caruana qallu li ma kellux licenzja ta' l-arma pero kellu biss licenzja biex izomm l-arma. Xehed li ma kienux qed jisparaw dak il-hin pero s-snieter ma kienux qeghdin fl-ghata taghhom.

Meta gie muri d-dokument CSH 7, li huwa senter, x-xhud ikkonferma li dan kien fil-pussess tal-imputat Alexander Caruana u li dan kien tal-ghamla Benelli bin-numru serjali N27950. Qal li s-senter l-iehor huma elevawh u kien jinsab d-Depot w ipprometta li jesebih fis-seduta sussegwenti. Ix-xhud esbixxa formalment is-senter l-iehor ta' l-ghamla Benelli bin-numru tas-serje N2155115, kopja tad-dokumentazzjoni u ricevuta li taw lill-imputat, liema dokument gie mmarkat bhala Dok CSH 10 u zied jghid li din ir-ricevuta giet moghtija lil imputat Jurgen Bugeja. Qal li dak il-hin hu kellem lil ko-imputat Alexander Caruana li indika lill-Qorti li qieghed fuq ix-xellug taghha w gharaf lill ko-akkuzat l-iehor Jurgen Bugeja.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 **rega' xehed PC 1209 Edmond Grima** [fol 62] fejn esebixxa arma tan-nar tal-marka Benelli bin-numru tas-serje N2155115 bhala Dok. CSH. Qal li din l-arma ttiehdet minghand l-imputat Jurgen Bugeja li gharaf prezenti fl-awla, fil-limiti ta' Hal Farrug.

Illi nhar t-tnax ta' Gunju 2006 **xehdet WPC 191 Marisa Borg** [fol 30] fejn qalet li hi ghamlet ricerka sabiex tara fuq min kien registrat s-senter tal-kacca ta' l-ghamla Benelli numru tas-serje N 27950 u minn ricerka li ghamlet irrizulta li dan kien registrat f'isem Raymond Brincat ta' 60 Triq Frangisko Saverio B'Bugia. Qalet li dan is-senter kien registrat maghhom li kien gie misruq w esebiet kopja tal-partikolaritajiet ta' Raymond Brincat li gew immarkati bhala Dok. Z.

Illi nhar t-tnax ta’ Gunju 2006 **xehed Raymond Brincat** [fol 35] fejn qal li hu kien wiret *shot gun* ta’ l-ghamla Benelli numru tas-serje N 27950 u kien izommu fid-dar residenzjali tieghu u cioe 60 Triq San Frangisk Saverio B’Bugia. Qal li darba minnhom hu kien hareg ghall-kacca u kien halla s-senter fil-van u dahal fil-garaxx u sakemm rega lura fil-van, is-senter ma kienx ghadu hemm. Meta gie muri Dok CSH 7 esebit fl-atti, x-xhud ikkonferma li dan is-senter effettivament huwa tieghu. Zied jghid li l-kundizzjoni tas-senter ma kienx pero kif kien qed jarah dakinhar ghaliex l-*pocket* tas-senter li gie muri, ma kienx tieghu ghaliex l-*pocket* tas-senter tieghu kien *camouflage* u li dan ghandu zewg marki partikolari, wahda fuq il-parti ta’ wara li qisha tebgha sewda u ohra mal-manku. Spjega li l-*blade* li ghandu fuq it-*trigger* ma kienx mibrux kif kien qed jarah dakinhar. Mistoqsi jekk jafx lill-imputati odjerni, x-xhud wiegeb fin-negattiv.

Illi nhar t-tnax ta’ Gunju 2006 **xehed Roberto Cassar** [fol 37] fejn qal li lil imputati odjerni kien jafhom peress li huma shabu. Mistoqsi jekk hu kienx iltaqa maghhom fit-tlieta ta’ April 2005, wiegeb fl-affermattiv qabel ma effettivament huma marru ghall-kacca. Qal li pero meta nqabdu dakinhar, hu ma kienx maghhom. Mistoqsi b’hiex kien immur ghall-kacca, x-xhud qal li kien immur bil-karozza tieghu u kien jghaddi ghal imputat Alexander Caruana. Qali li Alexander Caruana qatt ma kien igib xejn mieghu u kienu jmorru fl-ghalqa ta’ Jurgen Bugeja fil-limiti tas-Siggiewi. Qal li gieli kellu xi arma. Mistoqsi x’tip ta’ arma kien ikollu, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf ghaliex hu mhux dilettant ta’ l-armi.

Ix-xhud gie muri Dok CSH 7, li hija arma, u dan wiegeb li din l-arma ma jgharafhiex. Zied jghid li lill-ispettur kien qallu li dik l-arma ma gharafhiex peress li ghandha bicca sewda fuq it-*trigger* taghha. Qal li dik il-bicca li hemm fuq dan is-senter sewda qatt ma raha. Kompla jghid li l-imputat Jurgen Bugeja kien imur b’*pocket* simili bhal dak li kien qed jara l-Qorti w gharaf l-*pocket* u bhala l-istess *pocket* li kien igorr l-arma fiha Jurgen Bugeja. Mistoqsi minn fejn kien igib is-senter Alexander Caruana, x-xhud wiegeb li Jurgen Bugeja kien igib is-senter u Alexander

Caruana kien jikkaccja bis-senter li jaghtih Jurgen Bugeja. Kompla jghid li effettivament meta kienu jispiccaw jikkaccjaw, Alexander Caruana kien jerga jaghti lura s-senter lil Jurgen Bugeja. Alexander Caruana kien jirritorna d-dar lura normali bla senter. Mistoqsi kemm-il darba mar jikkaccja, x-xhud wiegeb li effettivament ma kienx jaf pero zied jghid li kemm kien ilu li beda l-istagun. Qal li sa fejn jaf hu, Alexander Caruana ma kellux senter u li kull darba li kien imur jikkaccja ma Alexander Caruana, is-senter kien igibu minghand Jurgen Bugeja. Qal li hu kien imur maghhom biex jghaddi l-hin. Zied jghid li Jurgen Bugeja snieter kien ikollu tieghu, dak li juza hu u dak li kienu juza Alexander Caruana. Mistoqsi jekk kienux l-istess jew differenti x-xhud m'gharafx iwiegeb ghaliex ma jifhimx fis-snieter. Qal li l-*pocket* li kien ikollu Jurgen Bugeja kien ikun ahdar, bhal dak esebit fil-Qorti.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehed Stanley Gatt** [fol 44] fejn qal li ju jahdem bhala *environmental officer* mal-MEPA. Meta gie muri ritratt esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok. CSH 8, x-xhud qal li dak huwa ghasfur maghruf bhala 'Cuckoo', bil-Malti 'Sultan il-Gamiem', liema ghasfur huwa mhares u protett mil-ligi u li dan kien diga protett f'April 2005. Qal li minn dakinhar cioe April 2005 sa llum, l-iskeda nbidlet u cioe m'ghadhiex dik bin-numru 146/99 pero xorta, nonostante dan, dan l-ghasfur baqa mhux kaccabbli.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehdet WPC Bonello** [fol 46] fejn qalet li kienet giet mitluba sabiex naghmel ricerka fuq Jurgen Bugeja detentur tal-karta tal-identita numru 378676M kif ukoll fuq il-persuna ta' Alexander Caruana detentur tal-karta tal-identita numru 418485(M). Spjegat dawn iz-zewg persuni m'ghandhomx licenzja biex izommu jgorru arma pero huma huma licenzjati sabiex igorru arma tan-nar u fis-sena 2006 kellhom tali licenzja. Fis-sena 2005 Jurgen Bugeja wkoll kellu din il-licenzja pero Alexander Caruana ma kellux tali licenzja. Ix-xhud esebiet d-dokumentazzjoni relattiva ghal dan il-ghan, liema dokumentazzjoni giet immarkata bhala Dok WPC u WPC1.

Illi nhar l-erbgha ta’ Settembru 2006 **xehed PC 257 Godwin Scerri** [fol 53] fejn qal li fid-9 ta’ Arpil 2005 ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar waqt stagun maghluq ghall-kacca, hu, flimkien ma PC 1209 Edmond Grima u PC 1121 kienu qed jaghmlu ronda rigward kacca illegali fl-inhawi tas-Siggiewi meta fid-daqqa u l-hin semghu xi tiri u fil-boghod raw zewg persuni. z-zewg imputati prezenti fl-awla, bis-snieter f’idejhom. Zied jghid li wiehed minn dawn il-persuni kellu wkoll tajra mejta f’idejh u cioe Jurgen Bugeja kellu t-tajra f’idejh. Kompla jghid li huma staqsewhom ghal-licenzji taghhom u qalulhom li Alexander Caruana li kien fil-pussess tas-senter, ma kellux permess ghall-kacca.

Qal li mbaghad huma bdew jinvestigaw sabiex jaraw ta’ min hu s-senter ghaliex dak l-hin l-imputat ma qalilhomx, qalilhom biss li kien jappartjeni lil certu Raymond Brincat. Sussegwentement huma kellmu lil Raymond Brincat permezz tat-telefon u dan qalilhom li s-senter kien insteraqlu ghalkemm rapport ma kienx ghamel dwar dan. Xehed li t-tajra li kienet f’idejn Jurgen Bugeja dakinhar kienet ‘Sultan il-Gamiem’. Zied jghid li huma elevaw kemm s-snieter kif ukoll it-tajra. Mistoqsi x’kienu s-snieter li elevaw, x-xhud wiegeb li wiehed minn dawn is-*shot guns* kien ghand Alexander Caruana u kien ta’ l-ghamla Benelli serial number 227950 filwaqt li s-senter f’idejn Jurgen Bugeja kien ta’ l-ghamla Benelli wkoll numru 155115. Iz-zewgt snieter ma kienux bl-ghata taghhom. Mistoqsi jekk kienux kkargati ix-xhud wiegeb li wiehed effettivament kien. Meta gie muri ritratt esebit f’dawn l-atti mmarkat bhala Dok CSH 8 x-xhud qal li dak huwa ritratt ta’ l-ghasfur maghruf bhala Sultan il-Gamiem li kien f’idejn Jurgen Bugeja dakinhar.

Illi nhar l-erbgha ta’ Settembru 2006 **xehed PS 1033 Sandro Mangion** [fol 55] fejn wara li gie muri l-istqarrija esebita f’dawn l-atti mmarkata bhala Dok CSH 5, li hija stqarrija rilaxxjata minn Jurgen Bugeja nhar is-sebgha ta’ April 2005, ikkonferma li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija, l-imputat nghata s-solitu twissija. Qal li fuqha kien qed jgharaf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Sandro Millo fuq kull faccata taghha. Zied jghid li Jurgen Bugeja ghazel li

ma jiffirmax din l-istqarrija. Ikkonferma li Jurgen Bugeja huwa l-imputat fuq in-naha tal-lemin tal-Qorti.

Illi nhar l-erbgha ta’ Settembru 2006 **xehed PS 1298 Lambert Zammit** [fol 57] fejn wara li gie muri l-istqarrija esebita f’dawn l-atti mmarkata bhala Dok CSH 6, li hija stqarrija rilaxxjata minn Alexander Caruana, qal li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija l-imputat nghata s-solitu twissija. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu u dik ta’ l-Ispettur Sandro Millo u ta’ Alexander Caruana fuq kull faccata ta’ din l-istqarrija. Ikkonferma li Alexander Caruana huwa l-imputat fuq in-naha tax-xellug tal-Qorti.

Illi nhar t-tlieta ta’ Mejju 2007 **xehed l-imputat Alexander Caruana** minn jeddu b’mod voluntarju [fol 68] fejn qal li lil Jurgen Bugeja, l-ko akkuzat, sar jafu l-kazin tal-festa taz-Zurrieq. Qal li sar jaf li Jurgen Bugeja kien dilettant tal-kacca u kien imur hdejh. Qal li Jurgen Bugeja effettivament kellu zewgt isnieter u darba minnhom nizzillu wiehed minnhom mieghu. Spjega li fil-fatt kull darba li kien imur hdejn Jurgen Bugeja, kien inizzillu senter mieghu. Qal li darba minnhom kien jum il-Hadd, kienu marru l-pulizija fuqhom u sabulu dan is-senter f’idejh u baghtu ghalih u kien mar w irrilaxxja stqarrija, liema stqarrija hi esebita f’dawn l-atti mmarkata bhala Dok CSH 6 a fol 26 et seq. Qal li effettivament zewg stqarrijiet kien irrilaxxja hu. Spjega li fl-istqarrija lill-pulizija hu kien qal li kien xtara dan is-senter, li kien iltaqa ma wiehed f’San Giljan li qallu li kellu senter ghall-bejgh u mar jarah u xtrah. Qal li l-Ispettur Sandro Millo dakinhar ma kienx emmnu. Qal li fil-fatt kien qallu hekk ghaliex dakinhar, qabel ma mar id-depot biex ikellem lill-pulizija, kien cempel lil Jurgen Bugeja li qallu biex jghid lill-pulizia li s-senter kien tieghu (tax-xhud) u fil-fatt hekk ghamel.

Qal li pero s-Sur Millo m’emmnux u zammu u fit-tieni stqarrija kien qal il-verita kollha u cioe li s-senter kien inizzilulu Jurgen Bugeja u li hu ma kellu l-ebda senter. Qal li l-familjari tieghu lanqas kellhom senter li hu setgha jaghmel uzu minnu. Qal li gieli Roberto Cassar, li xehed f’dawn il-proceduri, kien ikun maghhom pero dakinhar li marru l-pulizija, ma kienx maghhom. Qal li dakinhar li

marru ghall-kacca u sabuhom l-pulizija, l-istagun kien miftuh, pero huma kienu qeghdin jikkaccjaw mhux fil-hin li suppost ikunu hemm. Ikkonferma bil-gurament in kontr' ezami, li dejjem l-istess senter uza meta mar ghall-kacca. Qal wkoll li dak is-senter li kien qed jaghmel uzu minnu ma kienx registrat pero kif gie fil-pussess ta' Jurgen Bugeja hu ma kienx jafx.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti w anke mill-ammissjoni registrata mill-imputati, jirrizulta li l-imputat **Jurgen Bugeja** ghandu jinstab hati tat-tieni (2), t-tielet (3), r-raba (4), s-sitt (6), s-sebgha (7) w it-tmien (8) akkuzi w ghalhekk il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati taghhom filwaqt li tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) akkuza moghtija fil-konfront tieghu stante dak li vverbalizzat l-prosekuzzjoni fis-seduta tas-sittax ta' Lulju 2007, u cioe li tali akkuza nghatat b'mod alternattiv.

Illi dwar l-imputat **Alexander Caruana**, il-Qorti tiddikjara li ssibu hati wkoll fuq ammissjoni tieghu dwar t-tielet (3), r-raba (4) w il-hames (5) akkuza u mhux hati tal-akkuzi l-ohra kollha mill-liema akkuzi qed tilliberah.

**Rat l-fedina penali tal-imputat Alexander Caruana** esibita bhala dokument CSH 2 a fol 4 tal-atti odjerni li hija wahda nadifa ghal ahhar, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha w ghalhekk il-Qorti ghandha tittratta mieghu bhala li huwa *a first time offender*.

**Rat wkoll l-fedina penali tal-imputat Jurgen Bugeja** li tinsab esibita fl-atti bhala dokument CSH 3 a fol 5 fejn fuqha ghandu registrat zewg kontravenzjonijiet registrati fuqha wahda fis-sena 1998 u ohra fis-sena 2004 fejn inghata amenda u multa rispettivament dwar reati *de minimis* naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261, 267, 271(g), 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 9(1)(8), 12(1)(2) tal-**

**Avviz Legali numru 146 sas-sena 1993 tiddikjara li qed ssib lil imputat ALEDANDER CARUANA hati ta**t-tielet (3), r-raba (4) w il-hames (5) akkuza **kif inkorporati f'xulxin u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' mija u hamsin (150) lira maltin, filwaqt li tiddikjara li qed tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha.**

**Fil-konfront tal-imputat JURGEN BUGEJA, il-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha, salv u b'eccezzjoni tal-ewwel (1) akkuza mill-liema akkuza qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni, u tikkundannah ghal dawk r-reati li taghhom sabitu hati, ghal xahrejn (2) prigunerija sospizi ghal sitt xhur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------